**27 ta' Mejju, 1963.**

**Imhallfin:—**

**S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President.**
**Onor A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.**
**Onor. W. Harding, C.B.E., K.M. B.Litt., LL.D.**

Lorenza Dalli

*versus*

Giuseppe Spiteri

**Bord tal-Kera — Non Uso — Kambjament ta' Destinazzjoni —**

*Jekk il-"non uso" jikkostitwix tibdil ta' destinazzjoni jiddependi miċ-ċirkostanzi.*

*F'dan il-każ il-fond kien ġie mikri biex l-intimat jaħdem fih bħala mechanic. Irriżulta li l-fond kien qed jintuża biex fih jinżammu "spare parts" tal-karozzi u fih ma kienux isiru riparazzjonijiet, u li jinfetaħ rarament biex jinbiegħu jew jittieħdu xi "spare parts". Il-Qorti osservat li l-magazzinaġġ ta' "spare parts" ma hux kambjament radikali tal'użu miftiehem; bħala kambjament parzjali rientranti fil-"genus" tan-negozju formanti l-oġġett tad-destinazzjoni ma jatix lok għas-sanzjoni nvokata mis-sid.*

Il-Qorti, rat it-talba tal-imsemmija Dalli biex tirriprendi possess tal-fond no. 75, Misraħ il-Barrieri, Santa Venera, ħilli l-intimat biddel id-destinazzjoni tal-fond;

Rat is-sentenza tal-Bord li jirregola l-Kera tas-26 ta' Marzu, 1963, li biha ċaħad it-talba — bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti; il-Bord ikkunsidra:—

Illi r-rikorrenti tippretendi illi l-intimat ma hux iżjed juża l-fond skond id-destinazzjoni tiegħu għax fil-parti l-kbira l-fond ikun magħluq u ma hux iservi għax-xogħol ta' mekkaniku skond il-ftehim tal-lokazzjoni.

Mill-provi akkwisiti f'din il-kawża u fil-kawża l-oħra fl-istess ismijiet deċiża minn dan il-Bord 23 ta' Lulju, 1951 irriżulta illi l-intimat kien kera l-post oriġinarjament għax-xogħol tiegħu tal-wicker, pero minn żmien il-gwerra dan il-ġeneru ta' xogħol spiċċa u bil-permess tas-sid li kien mis-sier ir-rikorrenti, l-intimat beda jsewwi karrozzi u jixtri u jbiegħ, u għandu wkoll permess tal-Pulizija għal dan ix-xogħol.

L-intimat għandu postijiet oħra wkoll u fil-post in kwistjoni qiegħed iżomm spare parts u anki karrozzi wżati li jimporta biex jerġa jbiegħhom. In-nies ġeneralment imorru jsibuh fil-post l-ieħor tiegħu, u hu jmur jiftħilhom il-post in kwistjoni u itihom minn hemm dak li jkollhom bżonn. Tiswijiet ftit isiru fil-post.

B'daqshekk b'ebda mod ma jista' jingħad illi l-post ma għadux użat skond id-destinazzjoni tiegħu. Jidher illi l-fond qiegħed minn ċertu żmien aktar iservi għal storage ta' 'cars' u 'spare parts' milli għat-tiswija; dan ifisser illi l-esiġenzi tan-negozju tal-intimat dan il-mument jirrikjedu hekk pero l-użu li qiegħed isir, jidħol fil-ġeneru ta' negozju li għalih kellu permess minn missier ir-rikorrenti. Id-deċiżżjonijiet mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell in re Mifsud vs. Debono 30 ta' Marzu, 1962 huma perfettament applikabbili għall-każ.

Rat ir-rikors ta' l-istess Dalli, li bih appellat minn dik is-sentenza, u talbet li tiġi revokata billi jiġi deċiż għat-tenur tat-talba kontenuta fir-rikors tagħha quddiem il-Bord; — bl-ispejjeż —

Rat ir-risposta tal-intimat, li fiha qal li s-sentenza appellata hi ġusta u timmerita konferma, bl-ispejjeż;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Ma jidhirx kontrastat li l-post in kwistjoni ġie mikri lil appellat biex jaħdem fih bħala **mechanic** (xh. rikorrenti fol. 5). L-appellanti qalet li hi taf li kellu permess tal-Pulizija, preżumibilment bħal dak eżibit li hu ta **workshop** prinċipalment.

Issa hi qeda tippretendi li l-appellat biddel id-destinazzjoni u fuq dan il-motiv hi radikata l-istanza tagħha;

Milli jidher, hija qeda tibbaża dan il-motiv anki fuq iċ-ċirkostanza, minnha allegata, li l-post qed jinżamm magħluq;

Verament, il-fatt li l-post mikri jinżamm magħluq proprjament jikkostitwixxi vjolazzjoni tal-obbligu tal-konduttur *tal-godiment bħala missier tajjeb tal-familja* (ara *Laurent*, Vol. XXV — p. 203 — para. 252), iżda ġie anki ritenut li l-**non-usu** jista jammonta għal kambjament ta' destinazzjoni (App. D'Amato vs. Ciantar, 19/5/58 — u Xuereb vs. Rapa 15/XII/58). S'intendi, jeħtieġ dejjem li jiġu valjati ċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ li jkun, kif sejjer jingħad;

Issa l-kompless tal-provi aktarx juri dan —

(a) Illi l-post aktarx qed jintuża biex fih jinżammu li **spare parts** tal-karozzi, — fi kwantita mhux indifferenti, u inservjenti għal kummerċ tal-appellat, li hu importatur u negozzjant ta' motor-cars.

(2) Illi tiswijiet fil-post isiru rarament, milli jidher, u l-post aktarx ikun magħluq milli miftuħ; jinfetaħ meta jinbiegħu jew jintużaw. u għalhekk jittieħdu minnhu, xi **spare parts**;

B'dan kollu, pero, din il-Qorti hi ta' fehma li ma hemmx kambjament ta' destinazzjoni, għaliex —

(a.) Il-magazzinaġġ ta' **spare parts** ma hux kambjament radikali tal-użu miftiehem, peress li, għax-xogħol ta'

mechanic relativ għal cars, il-provvista ta' **spare parts** hi essenzjali, — hija anzi parti mill-esekuzzjoni ta' dak ix-xogħol — għalhekk, bħala kambjament parzjali rientranti fil-**ġenus** tan-negozzju formanti l-oġġett tad-destinazzjoni, ma jagħtiex lok għas-sanzzjoni invokata mir-rikorrenti appellanti (App. Meilak vs. Cremona, 19/5/58 Vella vs. Grech 24/3/58 —).

(b) Jekk in-non użu jikkostitwixxiex tibdil ta' destinazzjoni jiddependi miċ-ċirkostanzi. Hekk, hu kapibili kambjament ta' destinazzjoni fil-każ li kellha quddiemha l-Qorti ta' Lieges, eżemplifikat mill-Laurent (loc. cit), ta' post li kellu jintuża **għal-lukanda** u jinżamm magħluq. Imma din il-Qorti ma tarax x'kambjament ta' destinazzjoni jista jkun hemm billi minflok li l-post jinfetaħ ta' spiss biex fih jissewwew il-karozzi, jinfetaħ darba fit-tant biex minnu jittieħdu xi aċċessorji. Anzi, jekk in-non użu jitqies, kif iqiesu l-Laurent bħala nuqqas ta' godiment **bħala bonus pater familias**, potenzzjalment dannus għas-sid (ara loc. cit.), allura jista f'dan il-każ jingħad li bit-tiswijiet tista ssir ħsara fil-post, mentri xejn dannus ma jidderiva mill-magazzinaġġ ta **spare parts.**

Għal dawn il-motivi, tiddeċiedi billi tiċħad l-appell, u tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjeż kontra l-appellanti.